MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-2 ta' Frar, 2015

Numru. 1274/2012

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**Vs**

**DUNCAN BUTTIGIEG**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **DUNCAN BUTTIGIEG** ta’ 29 sena, bin missier mhux maghruf u Mary nee’ Buttigieg, imwieled Pieta’ fit-3 ta’ Mejju 1983, u residenti f’ Numru 25, Triq Dun Guzepp Naudi, Ghaxaq. Detentur tal-Karta tal- Identita’ bin-numru **244783M**, gie akkuzat talli f’Ottubru 2012 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda :

1. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qliegh b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmu (€232.94) imma inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-**Gvern ta' Malta**;

U b'hekk, int **Duncan BUTTIGIEG**

a. sirt recediv ai termi ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 (Kodici Kriminali) tal-Ligijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) diversement preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula; kif wkoll

b. wettaqt reat fi zmien il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament ;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tas-6 ta` Dicembru 2012 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bil-procedura sommarja ;

Rat li, fl-udjenza ta’ l-14 ta’ Jannar 2015, waqt l-interrogatorju, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni ta` frodi migjuba kontra tieghu tinsab sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandhiex triq ohra hlief li tghaddi sabiex tiddikjarah hati taghha u ghas-sentenza relattiva.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. Fiz-zmien indikat fl-imputazzjoni, l-imputat kien dizokkupat. B’ingann u bi pregudizzju ta` hafna nies, erhiela sabiex jiehu u jakkwista illegalment minghand numru sostanzjali ta` nies, somom ta` flus konsiderevoli taht il-pretensjoni li huwa kien ser igibilhom vetturi mill-esteru. Kien jipprezenta lilu nnifsu bhala persuna kapaci f’dan il-qasam u kien jipprezenta wkoll *web site* u riklami biex isahhah il-pozizzjoni tieghu. Holoq atmosfera bizzejjed sabiex ikun f’qaghdha preciza u kkalkolata li jinganna lil hafna nies u jehodilhom flushom. Dan il-qliegh kollu li kien ghamel, effettivament ghamlu bil-qerq u konsegwentement dan kollu gabu passabbli ghall-proceduri penali fi procedimenti ohra indipendenti minn dan il-procediment. **L-imputat pero, mhux biss inganna lil nies privati, izda sahansitra, fl-istess perjodu, inganna lill-Gvern ta` Malta billi akkwista beneficcji socjali illegalment permezz ta` frodi mhaddma minnu.**

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta’ piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. il-fedina penali tal-hati, li hi wahda preokkupanti u tipprezenta mhux anqas minn ghaxar sentenzi tal-Qrati tal-Gustizzja Kriminali;

b. il-hsara finanzjarja kkawzata lill-Gvern ta` Malta - il-Qorti giet informata li l-imputat qed ihallas lura dak minnu mehud illegalment, ghalkemm ma gietx prodotta prova oggettiva li effettivament dan il-hlas lura qed isir;

c. l-ammissjoni ta` l-imputat li ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, izda din il-Qorti qed tikkonsidraha fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b'din is-sentenza;

d. id-dikjarazzjoni tad-difiza li l-imputat ghandu problemi medici u psikologici u ma teskludix li ghandu wkoll problemi ta` abbuz tad-droga;

Minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reati kif migjuba kontra l-hati huma serji, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza jew cirkostanzi partikolari, il-hati ta` reati kif migjuba kontra Duncan Buttigieg, jimmerita piena li tkun ta` deterrent, bhal ma hi piena ta` prigunerija.

**Konkluzjoni;**

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 18, 31, 49, 50, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, taqta u tiddeciedi billi :

A. issib lill-imputat hati, bhala recidiv, ta` l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu;

B. u filwaqt li qed titratta mal-hati skond l-Artikolu 23 tal-kap 446;

**TIKKUNDANNA LILL-HATI DUNCAN BUTTIGIEG GHALL-PIENA KOMPLESSIVA TA` SENA (1) PRIGUNERIJA.**

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni ghall-applikazzjoni tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta stante li ma jezistux l-estremi ghal tali applikazzjoni.

In vista tal-verbal tas-seduta tal-14 ta` Jannar 2015, il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta` Kordin sabiex jaghti lill-hati kull ghajnuna li huwa jitlob u tirrizulta mehtiega in konnessjoni ma sahhtu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------